



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-12 ta' Novembru 2020

L-Awdituri jiċċertifikaw il-kontijiet tal-2019 tal-Impriżi Konġunti kollha tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) iddikjarat il-qagħda tajba tal-Impriżi Konġunti (JUs) kollha tal-UE - is-sħubiji pubbliċi-privati tal-UE mal-industrija, il-gruppi ta' riċerka, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-Istati Membri - billi ħarġet opinjonijiet favorevoli dwar il-kontijiet u t-tranżazzjonijiet finanzjarji tagħhom. Madankollu, bħal fi snin preċedenti, l-awdituri jerġgħu jiġbdu l-attenzjoni għall-Impriża Konġunta "Fużjoni għall-Enerġija" (F4E), prinċipalment minħabba r-riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett tar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER).

"Il-valur miżjud tal-Impriżi Konġunti jikkonsisti mill-fatt li l-UE, l-industrija privata u l-gruppi ta' riċerka huma sħab għall-ġid komuni. Dawn is-sħubiji jġibu magħhom innovazzjoni u tkabbir ekonomiku", qalet Ildikó Gáll-Pelcz, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. "L-awditu tagħna għall-2019 jikkonferma li l-ġestjoni finanzjarja tal-impriżi konġunti hija f'qagħda tajba, għalkemm hemm bosta aspetti li jistgħu jitjiebu aktar, pereżempju l-ġestjoni tal-akkwisti, il-pagamenti ta' għotja u r-riżorsi umani."

L-Impriżi Konġunti (JUs) jiġu stabbiliti biex iwettqu attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni fl-oqsma speċifiċi allokatilhom mill-Kunsill. Huma jużaw prinċipalment sejħiet għal proposti biex jagħżlu l-aħjar proġetti għall-finanzjament. Il-Kummissjoni Ewropea hija l-membru pubbliku tal-Impriżi Konġunti u tirrappreżenta lill-UE; fl-2019, hija kkontribwiet madwar EUR 1.9 biljun għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-JUs. Is-sħab privati jinkludu l-industrija, diversi gruppi ta' riċerka, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Huma jipprovdu prinċipalment kontribuzzjonijiet *in natura*, billi jimplementaw l-attivitajiet tal-JUs, li fihom jinvestu r-riżorsi finanzjarji u umani, l-assi u t-teknoloġiji proprji tagħhom.

L-awdituri ċċertifikaw il-kontijiet tal-2019 tal-JUs kollha, li jfisser li l-kontijiet jippreżentaw b'mod affidabbli s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, u li ma hemmx żbalji materjali fit-tranżazzjonijiet ta' pagament u ta' dħul tagħhom, skont ir-regoli kontabilistiċi. Madankollu, l-awdituri osservaw diversi kwistjonijiet li jeħtieġu titjib: pereżempju, filwaqt li l-kontrolli interni fir-rigward tal-pagamenti kienet ġeneralment effettivi u żammew il-livell ta' żball taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %, bosta JUs kienet għad kellihom dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku, ta' għotjiet u ta' reklutaġġ tagħhom.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport annwali dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

L-awdituri ċekkjaw ukoll ir-rata ta' implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-JUs. Dawk li jaqgħu fi ħdan is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (FP7) u l-Programm tan-Network trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) – li ġew stabbiliti fiċ-ċiklu baġitarju tal-UE (QFP) għall-perjodu 2007-2013 – jinsabu fil-faġi ta' għeluq. Skont l-awdituri, l-impriżi konġunti laħqu livell għoli ta' implimentazzjoni tal-proġett u ta' kontribuzzjonijiet mis-sħab privati (90 % tal-miri stabbiliti mir-regolamenti fundaturi tal-JUs). B'kuntrast ma' dan, xi JUs taħt Orizzont 2020 (H2020) naqsu milli jilħqu l-miri. Għalkemm fil-biċċa l-kbira kienu ppjanati b'ċiklu tal-ħajja ta' 10 snin (2014-2024), l-awdituri sabu li s'issa kienu ġew implimentati biss medja ta' 51 % mill-attivitajiet taħt H2020 u dawk addizzjonali relatati. Min-naħa l-oħra, fi tmiem l-2019, il-JUs li jittrattaw dawk l-attivitajiet taħt H2020 ikkompletaw il-biċċa l-kbira mill-proċeduri ta' sejħiet, u kienu diġà taw u/jew iffirmaw, bħala medja, 78 % tal-attivitajiet ippjanati tagħhom.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-Impriża Konġunta "Fużjoni għall-Enerġija" (F4E), din is-sena għal darb'oħra l-awdituri jwissu li l-kontribuzzjoni mill-UE għall-proġett ta' fużjoni nukleari ITER f'Cadarache (Franza) tirriskja aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni meta mqabbla mal-linja bażi attwali approvata, u jiġbdu l-attenzjoni għall-konsegwenzi li jista' jkollu l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni wara l-2020. Barra minn hekk, skont l-awdituri, id-dgħufijiet tal-F4E fl-ippjanar tal-akkwist, kif ukoll fil-ġestjoni tar-riżorsi umani u tal-proġetti, jqiegħdu f'riskju l-effettività operazzjonali tagħha.

Informazzjoni ġenerali

Il-biċċa l-kbira mill-JUs jinsabu fi Brussell, ħlief għall-F4E li tinsab f'Barċellona, u l-EuroHPC, li tinsab fil-Lussemburgu u li l-kontijiet tagħha ma ġewx awditjati fl-2019 iżda se jiġu awditjati għas-sena finanzjarja 2020.

F4E	Żvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni
BBI	Industriji b'bażi Bijoloġika
CS – "Clean Sky"	Teknoloġiji Nodfa għat-Trasport bl-Ajru
IMI	Inizjattiva dwar Medicieni Innovattivi
FCH	Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu
SESAR	Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku
ECSEL	Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea
S2R	Shift2Rail Soluzzjonijiet Innovattivi għal Prodotti Ferrovjarji
EuroHPC	L-iżvilupp ta' ekosistema ta' klassi dinjija għas-supercomputing fl-Ewropa

Id-dokument sommarju "Awditu fil-qosor dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għall-2019" u d-dettalji kollha dwar kull impriża konġunta, huma disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Kuntatt għall-istampa

Claudia Spiti – E: claudia.spiti@eca.europa.eu M: (+352) 691 553547